VERŻJONI ELETTRONIKA

*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 19,712, 13 ta' Jannar, 2017*
*Taqsima C*

# Nru. 189

13. 01. 2017

# MALTA

## KAMRA TAD-DEPUTATI

ABBOZZ ta' Liġi mressaq mill-Onorevoli Chris Cardona, M.P., Ministru għall-Ekonomija, Investiment u Intrapriżi Żgħar, u moqri għall-Ewwel darba fis-Seduta tad-9 ta' Jannar, 2017.

**ATT biex jemenda l-Att dwar l-Intrapriżi ż-Żgħar, Kap. 512.**

RAYMOND SCICLUNA
*Skrivan tal-Kamra tad-Deputati*

## HOUSE OF REPRESENTATIVES

A BILL introduced by the Honourable Chris Cardona, M.P., Minister for the Economy, Investment and Small Business, and read the First time at the Sitting of the 9th January, 2017.

**AN ACT to amend the Small Business Act, Cap. 512.**

RAYMOND SCICLUNA
*Clerk of the House of Representatives*

**ABBOZZ TA' LIĠI**
**msejjaħ**

*ATT biex jemenda l-Att dwar l-Intrapriżi ż-Żgħar, Kap. 512.*

IL-PRESIDENT bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità tal-istess, ħarġet b'liġi dan li ġej:-

Titolu fil-qosor.

Kap. 512.

**1.** It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att huwa l-Att tal-2017 li jemenda l-Att dwar l-Intrapriżi ż-Żgħar, u dan l-Att għandu jinqara u jinftiehem ħaġa waħda mal-Att dwar l-Intrapriżi ż-Żgħar, minn hawn 'il quddiem msejjaħ "l-Att prinċipali".

Emenda tal-artikolu 2 tal-Att prinċipali.

**2.** Fl-artikolu 2 tal-Att prinċipali, it-tifsira "entitajiet pubbliċi li joffru servizz lin-negozju" għandha tiġi sostitwita bit-tifsira li ġejja:

" "entitajiet pubbliċi li joffru servizz lin-negozji" tfisser l-Awtorità responsabbli għall-Ippjanar, l-Awtorità responsabbli għall-Ambjent u r-Riżorsi, Jobsplus, id-Dipartiment tat-Taxxi Interni, id-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, id-Dipartiment responsabbli għall-Kummerċ, l-Intrapriża ta' Malta, ir-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma, l-Awtorità dwar il-Mediċini, l-Awtorità ta' Malta għall-Kompetizzjoni u għall-Affarijiet tal-Konsumatur, l-Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni, id-Dipartiment tad-Dwana, l-Awtorità responsabbli għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta, l-Awtorità responsabbli għal-Logħob u kull entità oħra kif tista' tiġi identifikata minn żmien għal żmien mill-Ministru;".

VERŻJONI ELETTRONIKA



Emenda tal-artikolu 10 tal-Att prinċipali.

**3.** Is-subartikolu (2) tal-artikolu 10 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu (b) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(b) erbatax-il membru ieħor li jirrappreżentaw l-entitajiet jew Ministeri responsabbli għall-intrapriża jew li l-ambitu tagħhom huwa relevanti għas-settur, li huma:

(i) id-Dipartiment responsabbli għall-Kummerċ;

(ii) l-Intrapriża ta' Malta;

(iii) l-Awtorità ta' Malta għall-Kompetizzjoni u għall-Affarijiet tal-Konsumatur;

(iv) id-Direttorat responsabbli għall-Politika tal-Intrapriża fi ħdan il-Ministeru responsabbli għall-Ekonomija;

(v) id-Diviżjoni tal-Politika dwar l-Ekonomija fi ħdan il-Ministeru responsabbli għall-Finanzi;

(vi) l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta;

(vii) id-Dipartiment responsabbli għall-Gvern Lokali;

(viii) il-Ministeru responsabbli għal Għawdex;

(ix) l-Awtorità tat-Turiżmu;

(x) l-Awtorità tal-Ippjanar;

(xi) il-Ministeru responsabbli għall-Affarijiet Rurali;

(xii) l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika;

(xiii) il-Kummissarju tat-Taxxi;

(xiv) il-Ministeru responsabbli għall-Edukazzjoni u x-Xogħol; u

VERŻJONI ELETTRONIKA



(xv) l-Awtorità responsabbli għall-Ambjent u r-Riżorsi;"; u

(b) il-paragrafu (ċ) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(ċ) ħdax-il membru maħtura minn rappreżentanti minn korpi kostitwiti, primarjament il-Kamra tal-Kummerċ, l-Industrija u l-Intrapriża ta' Malta, il-*General Retailers and Traders Union*, l-Assoċjazzjoni Maltija għal-Lukandi u Ristoranti, il-Kamra tan-Negozju għal Għawdex, l-Assoċjazzjoni tat-Turiżmu għal Għawdex, l-Assoċjazzjoni Maltija ta' Min Iħaddem, il-Kunsill Nazzjonali tan-Nisa, l-Assoċjazzjoni Maltija tan-Nisa fin-Negozju, il-Fondazzjoni tan-Nisa fin-Negozju, l-Assoċjazzjoni Maltija għall-Intrapriżi tal-Familja u l-Istitut tal-*Financial Services Practitioners*; u".

Emenda tal-artikolu 12 tal-Att prinċipali.

**4.** Is-subartikolu (1) tal-artikolu 12 tal-Att prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(1) L-affarijiet amministrattivi tal-Kunsill għandhom ikunu ġestiti mis-Segretarjat tal-Kunsill, u għandhom jaqgħu taħt il-kompetenza tad-Direttorat responsabbli għall-Ekonomija, u l-Kunsill, bl-approvazzjoni tal-Ministru, jista' jappunta uffiċjali skont kif ikun neċessarju għall-qadi xieraq u effiċjenti tal-funzjonijiet tal-Kunsill.".

Emenda tal-artikolu 13 tal-Att prinċipali.

**5.** Il-paragrafu (b) tas-subartikolu (2) tal-artikolu 13 tal-Att prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(b) sittax-il membru nominati mill-Gvern, li jirrappreżentaw lir-rappreżentanti tal-gvern fil-korpi kostitwiti, jiġifieri l-Awtorità responsabbli għas-Servizzi Finanzjarji, l-Awtorità responsabbli għall-Kompetizzjoni u għall-Affarijiet tal-Konsumatur, id-Dipartiment tad-Dwana, l-Awtorità responsabbli għal-Logħob, ir-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma, l-Awtorità responsabbli għat-Turiżmu, l-Awtorità responsabbli għall-Komunikazzjoni, l-Awtorità responsabbli għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol, l-Awtorità responsabbli għall-Ippjanar, l-Awtorità responsabbli għall-Ambjent u r-Riżorsi, id-Dipartiment responsabbli għas-Saħħa Ambjentali, id-Direttorat responsabbli għas-Saħħa tal-Pjanti, id-Direttorat responsabbli għar-Regolamentazzjoni Veterinarja, id-Direttorat responsabbli għall-Kontroll fis-Sajd, l-Awtorità responsabbli għall-Mediċini u d-Dipartiment responsabbli għall-Kummerċ.".

VERŻJONI ELETTRONIKA



Emenda tal-artikolu 15 tal-Att prinċipali.

**6.** Fl-paragrafu (a) tal-artikolu 15 tal-Att prinċipali, minflok il-kelma "tliet" għandha tidħol il-kelma "erba’".

Emenda tal-artikolu 16 tal-Att prinċipali.

**7.** Is-subartikolu (1) tal-artikolu 16 tal-Att prinċipali għandu jiġi sostitwit b’dan li ġej:

"(1) L-affarijiet amministrattivi tal-Kulleġġ għandhom ikunu ġestiti mis-Segretarjat tal-Kulleġġ, u għandhom jaqgħu fil-kompetenza tad-Direttorat responsabbli għall-Politika tal-Intrapriża fi ħdan il-Ministeru għall-Ekonomija.".

---

**Għanijiet u Raġunijiet**

L-għan ta’ dan l-Abbozz ta’ Liġi huwa li tiġi aġġornata l-kompożizzjoni tal-entitajiet u l-amministrazzjoni tal-Att.

VERŻJONI ELETTRONIKA



**A BILL**
**entitled**

*AN ACT to amend the Small Business Act, Cap. 512.*

BE IT ENACTED by the President, by and with the advice and consent of the House of Representatives, in this present Parliament assembled, and by the authority of the same, as follows:-

**1.** The short title of this Act is the Small Business (Amendment) Act, 2017, and this Act shall be read and construed as one with the Small Business Act, hereinafter referred to as "the principal Act". Short title. Cap. 512.

**2.** In article 2 of the principal Act, for the definition "public sector entities offering services to business" there shall be substituted the following definition: Amendment of article 2 of the principal Act.

" "public sector entities offering services to business" means the Authority responsible for Planning, the Authority responsible for the Environment and Resources, Jobsplus, the Inland Revenue Department, the Value Added Tax Department, the Department responsible for Commerce, the Malta Enterprise, the Regulator responsible for Energy and Water Services, the Authority responsible for Medicines, the Authority responsible for Competition and Consumer Affairs, the Authority responsible for Communications, the Customs Department, the Authority responsible for Financial Services, the Authority responsible for Gaming and any other entity as may be identified by the Minster from time to time;".

VERŻJONI ELETTRONIKA



Amendment of article 10 of the principal Act.

**3.** Sub-article (2) of article 10 of the principal Act shall be amended as follows:

(a) paragraph (b) thereof shall be substituted by the following:

"(b) fifteen other members representing the entities or Ministries responsible for enterprise or whose remit is relevant to the sector namely:

(i) the Department responsible for Commerce;

(ii) Malta Enterprise;

(iii) the Authority responsible for Competition and Consumer Affairs;

(iv) the Directorate responsible for Enterprise Policy within the Ministry responsible for the Economy;

(v) the Economic Policy Division within the Ministry responsible for Finance;

(vi) the Authority responsible for Financial Services;

(vii) the Department responsible for Local Government;

(viii) the Ministry responsible for Gozo;

(ix) the Authority responsible for Toursim;

(x) the Authority responsible for Planning;

(xi) the Ministry responsible for Rural Affairs;

(xii) the National Statistics Office;

(xiii) the Commissioner for Revenue;

(xiv) the Ministry responsible for Education and Employment; and

(xv) the Authority responsible for the

VERŻJONI ELETTRONIKA



Environment and Resources;"; and

(b) paragraph (c) thereof shall be substituted by the following:

"(c) eleven members nominated by representatives from constituted bodies, namely the Malta Chamber of Commerce, Enterprise and Industry, the General Retailers and Traders Union, the Malta Hotels and Restaurants Association, the Gozo Business Chamber, the Gozo Tourism Association, the Malta Employers' Association, the National Council of Women, the Maltese Association of Women in Business, the Foundation for Women Entrepreneurs, the Maltese Association for the Family Enterprises and the Institute of Financial Services Practitioners; and".

**4.** Sub-article (1) of article 12 of the principal Act shall be substituted by the following:

Amendment of article 12 of the principal Act.

"(1) The administrative affairs of the Council shall be managed by the Council Secretariat, and shall fall within the competence of the Directorate responsible for Enterprise Policy within the Ministry responsible for the Economy, and the Council, with the approval of the Minister, may appoint such officers as may be necessary for the due and efficient discharge of the functions to the Council.".

**5.** Paragraph (b) of sub-article (2) of article 13 of the principal Act shall be substituted by the following:

Amendment of article 13 of the principal Act.

"(b) sixteen members nominated by Government, representing the government representatives on the constituted bodies, namely the Authority responsible for Financial Services, the Authority responsible for Competition and Consumer Affairs, the Customs Department, the Authority responsible for Gaming, the Regulator responsible for Energy and Water services, the Authority responsible for Tourism, the Authority responsible for Communications, the Authority responsible for Occupational Health and Safety, the Authority responsible for Planning, the Authority responsible for the Environment and Resources, the Department responsible for Environmental Health, the Directorate responsible for Plant Health, the Directorate responsible for Veterinary Regulation, the Directorate responsible for Fisheries Control, the Authority responsible for Medicines and the Department responsible for Commerce.".

VERŻJONI ELETTRONIKA



Amendment of article 15 of the principal Act.

**6.** In paragraph (a) of article 15 of the principal Act, for the word "three" there shall be substituted the word "four".

Amendment of article 16 of the principal Act.

**7.** Sub-article (1) of article 16 of the principal Act shall be substituted by the following:

"(1) The administrative affairs of the College shall be managed by the College Secretariat, and shall fall within the competence of the Directorate responsible for Enterprise Policy within the Ministry responsible for the Economy.".

## Objects and Reasons

The object of this Bill is to update the composition of the entities and the administration of the Act.

VERŻJONI ELETTRONIKA

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta riċiklata — *Printed at the Government Printing Press on recycled paper*

**Prezz/*Price***
**€0.54**